**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 8 ta' Frar 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 64/2020/5 JPG**

**Kawza Nru.: 23**

**SC**

**vs**

**RC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RC, datat 15 ta' Lulju 2020, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema l-esponenti qieghed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

2. *Illi l-Artikolu 55 jisitpula li:*

   *55. (1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

   *(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

3. *Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament b'mod de facto ghal dawn l-ahhar tmien*

*(8) xhur. L-assi tal-paritjiet fis-sustanza jikkonsistu fid-dar matrimonjali u garaxx filwaqt li z-zewg partijiet ghandhom impjieg fiss: l-esponent bhala mechanic filwaqt li l-intimata hi awditur.*

4. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti, ladarba ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni u ladarba ma hemm ebda assi jew djun verament eccezzjonali, l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti spicca.*

5. *Illi l-hall tal-komunjoni f'dan l-istadju mhux ser johloq pregudizzju ghall-partijiet wisq anqas "pregudizzju mhux proporzjonat" kif kontemplat mis-subinciz (3) tal-Artikolu 55, u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti ma jixtieqx ikun espost ghal djun li tista' tohloq l-intimata minghajr l-gharfien tieghu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' SC, datata 18 ta' Novembru 2020 ,a fol 7 li taqra hekk:

1. *Illi permezz tar-rikors tieghu tal-15 ta' Lulju, 2020, RC qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa qed jibbaza' din it-talba stante li skont hu: "l-assi tal-partijiet fis-sustanza jikkonsistu fid-dar matrimonjali u garaxx filwaqt li z-zewg partijiet ghandhom impjieg fiss: l-esponenti bhala mechanic filwaqt li l-intimata hi awditur".*

2. *Illi assolutament m'huwiex minnu li l-assi tal-partijiet jikkonsistu biss fid-dar matrimonjali u garaxx. Konvenjentement RC naqas li jispecifika li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti wkoll f'negozju maghruf bhala Garage & Auto Parts, gja Honda Garage, fi Triq Mdina, Qormi, kif ukoll fl-istokk ezistenti f'dan il-garaxx, kif ukoll f'garaxx iehor mikri, fejn RC jzomm l-istokk tan-negozju. L-esponenti ghandha nformazzjoni u provi li RC ttrasferixxa l-istokk f'isem il-konkubina tieghu Zarika Whitelaw u dan biex jipprova jevita li jghaddi lill-esponenti sehemha mill-istess stokk.*

3. *Il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti wkoll fil-makkinarju li hemm fil-garaxx proprjeta' tal-komunjoni u li minnu RC jahdem bhala mechanic. Mhux biss izda bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti hemm mutur li kien akkwistat bil-prezz ta'€10,000 (illum jiswa' €8,000); Honda Civic bajda, Honda Civic safra u Honda Accord li bejniethom jiswew €30,000; Honda Integra u Honda S2000 li bejniethom jiswew €50,000 (salv ghal dejn ta' €7,000) li id-dejn fuqhom dejjem thallas mill-esponenti; u diversi vetturi ohra li l-esponenti m'ghandhiex id-dettalji specifici taghhom. Dawn il-vetturi kollha jinsabu fil-pussess ta' RC u l-esponenti lanqas biss taf fejn jinsabu mizmuma l-maggorparti ta' dawn il-vetturi.*

4. *Hemm ukoll id-dejn tal-komunjoni u eluf ta' Euro fi krediti parafernali dovuti lill-esponenti, inkluz il-hlas ta' nofs id-dar matrimonjali mill-genituri tal-esponenti u l-kontribuzzjoni fin-negozju tal-kontendenti da parti tal-genituri tal-esponenti.*

5. *Illi ghalhekk filwaqt li l-esponenti, izzomm ferm il-jedd taghha ta' sehemha mill-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, inkluz dawk li diga' gew aljenati u li ddispona minnhom zewgha RC, kif ukoll izzomm ferm il-krediti parafernali li hija ghandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti, l-esponenti tiddikjara li m'ghandhiex oggezzjoni li jkun hemm ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat in-nota ta SC datata 18 ta' Novemnbru 2020, bil-visto tal-kontro-parti, li permezz taghha il-partijiet iddikjaraw li ma jehtiegux seduta ghas-smiegh u ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu ghal rigward ir-rikors tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 10);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-intimat permezz tar-rikors tal- 15 ta' Lulju 2020 fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti***

> ***bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Permezz tar-risposta taghha, datata tlettax (13) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020), SC, filwaqt li gabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti minn ben aktar assi minn dawk indikati minn RC fir-rikors tieghu, ma oggezzjonatx ghat-talba ta' RC, b'dan illi d-drittijiet kollha taghha, inkluz kwalsiasi kreditu parafernali li hija ghandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, jibqghu impregudikati.

Il-Qorti tfakkar illi l-waqfien tal-komunjoni jsehh meta s-sentenza tal-Qorti tghaddi *in gudikat* u bl-ebda mod ma jkollha effett retroattiv. Il-Qorti dejjem ikkunsidrat illi dak li sal-lum huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Dana qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt li dak li qed jintalab fir-rikors huwa li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh, u mhux il-likwidazzjoni taghha. Dan huwa konformi mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ritenut illi:

> ***Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqaf il-komunjoni ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad isaputa tal-attrici.*** [1]

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu u in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni da parti ta' SC, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet ta' RC jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' RC *in toto* u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez ta' RC.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

---

[1] Vide **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** supra.